

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż, jekk din dal-aħħar tintervjeni fil-kawża.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2020 – PT Ciliandra Perkasa vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-138/20)**

(2020/C 129/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorreni:* PT Ciliandra Perkasa (Ġakarta tal-Punent, l-Indoneżja) (rappreżentanti: F. Graafsma, J. Cornelis u E. Rogiest, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2092 tat-28 ta' Novembru 2019 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorreni.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorreni tinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret l-Artikoli 8(1) u 8(2) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku") meta ddeterminat it-twaqqiġ tal-prezz sa fejn hija naqset milli teżamina l-provi rilevanti kollha u naqset milli tistabbilixxi t-twaqqiġ tal-prezz għall-prodott fl-intier tiegħu;
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret ukoll l-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku sa fejn hija bbażat l-analiżi tagħha tal-kawżalità fuq il-konklużjoni żbaljata ta' twaqqiġ tal-prezzijiet;
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u kisret l-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku meta kkonkludiet, minn naħa, li l-ħlasijiet mill-Fond għall-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt (iktar 'il quddiem l-"OPPF") għandhom jiġu kklassifikati bħala għotjiet u mhux ħlasijiet għax-xiri tal-bijodiżil u, min-naħa l-oħra, li l-ħlasijiet mill-OPPF jagħtu vantaġġ lill-produtturi tal-bijodiżil, sa fejn il-Kummissjoni (i) ibbażat ruħha fuq xenarju kontrofattwali manifestament żbaljat u (ii) naqset milli tqis li l-vantaġġ, jekk kien hemm, ingħadda lill-blenders tal-bijodiżil.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u kisret l-Artikolu 7 tar-Regolament bażiku billi kkalkolat l-ammont tal-vantaġġ fl-ambitu tas-sistema tal-OPPF.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 8(1) u l-Artikolu 8(8) tar-Regolament bażiku sa fejn naqset milli tibbaża l-konklużjoni tagħha dwar it-treddida ta' dannu fuq provi pożittivi u fuq eżami oġġettivi tal-fatturi rilevanti kollha.
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża sa fejn inkludiet ċerti kunsiderazzjonijiet essenzjali dwar l-analiżi tat-twaqqiġ tal-prezz biss fir-regolament ikkontestat, b'mod li r-rikorrenti ġiet imċaħħda milli taġhmel l-osservazzjonijiet tagħha fuq din il-kwistjoni.

---

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2020 – PT Pelita Agung Agrindustri u PT Permata Hijau Palm Oleo vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-143/20)**

(2020/C 129/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### **Partijiet**

*Rikorrenti:* PT Pelita Agung Agrindustri (Medan, l-Indoneżja) u PT Permata Hijau Palm Oleo (Medan) (rappreżentanti: F. Graafsma, J. Cornelis u E. Rogiest, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### **Talbiet**

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2092 tat-28 ta' Novembru 2019 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Indoneżja sa fejn dan japplika għar-rikorrenti;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw seba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret l-Artikoli 8(1) u 8(2) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku") meta ddeterminat it-twaqqiġ tal-prezz sa fejn hija 1) naqset milli teżamina l-provi rilevanti kollha u 2) naqset milli tistabbilixxi t-twaqqiġ tal-prezz għall-prodott fl-intier tiegħu;
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret ukoll l-Artikolu 8(5) tar-Regolament bażiku sa fejn hija bbażat l-analiżi tagħha tar-rabta ta' kawżalità fuq il-konklużjoni żbaljata ta' twaqqiġ tal-prezzijiet;
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u kisret l-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku meta qieset li l-Gvern tal-Indoneżja inkariga jew idderiġa lil fornituri ta' CPO sabiex jipprovdu l-prodott tagħhom għal remunerazzjoni li hija inqas minn adegwata, ipprovda dħul jew sostenn tal-prezz lil fornituri ta' CPO u li b'hekk ingħata benefiċċju.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u kisret l-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku meta kkonkludiet, minn naħa, li l-ħlasijiet mill-Fond għall-Pjantaġġuni tal-Palm taż-Żejt (iktar 'il quddiem l-"OPPF") jikkostitwixxu sussidju u mhux ħlas għax-xiri tal-bijodiżil u, min-naħa l-oħra, li l-ħlasijiet mill-OPPF jagħtu vantaġġ lill-produtturi tal-bijodiżil, sa fejn hija bbażat ruħha fuq xenarju kontrofattwali manifestament żbaljat, u naqset milli tqis li l-vantaġġ, jekk kien hemm, ingħadda lill-blenders tal-bijodiżil.